



# Aħbar Tajba

Atti 10, 34a.37-43
Salm 117 (118), 1-2.16ab-17. 22-23
Kol 3, 1-4
Ġw 20, 1-9

Għalhekk telqet tiġri għand Xmun Pietru u għand id-dixxiplu l-ieħor li kien iħobb Ġesù, **u qaltilhom: "Qalgħu lill-Mulej mill-qabar, u ma nafux fejn qegħduh!"**

Jogħġbukom l-istejjer tal-misteri? Jekk iva mhux waħedkom. Dawn l-istejjer, li ħafna drabi jkunu mdawrin ma' xi *detective* kuraġġuż jew ġurnalist li jrid jiskopri l-verità, huma kotba li jolqtu kemm liż-żgħar kif ukoll liż-żgħażagħ u lill-adulti. Forsi ġieli smajtu bil-karattru famuż Geronimo Stilton jew inkella bl-avventuri ta' Tintin. Żgur li fost id-*detectives* kollha, l-aktar wieħed famuż huwa Sherlock Holmes. Imma min jaf x'kien jagħmel kieku fost il-każi kollha tiegħu jsib dak tal-qabar vojt ta' Ġerusalemm?

Ftit jiem wara li difnu lil Ġesù bdew jiġru xi stejjer mill-aktar strambi. Is-suldati fl-ewwel lejl tal-għassa tagħhom dehru deħlin mbeżżgħin għand il-Qassis il-Kbir. Kien hemm min sema' li kien hemm xi nisa li meta marru jżuru l-qabar sabu l-ġebla maqluba u l-qabar vojt. Tgħid insteraq? Imma għaliex? Min seta' serqu meta kien hemm is-suldati għassa? Imma l-istejjer ma jiqfux hawn tafux! Kien hemm xi nies qed jivvjaġġaw li qed isostnu li ltaqgħu miegħu għalkemm ma għarfuhx mall-ewwel. Kien hemm mara li kienet tafu sew li wkoll ma għarfitux mill-ewwel meta ratu. U dawn mhumiex l-uniċi nies li qed jgħidu li rawh f'dawn il-jiem.

Kieku x'kienu jagħmlu Sherlock jew Geronimo? Jmorru fil-qabar biex jaraw l-evidenza? Qabar vojt bi ftit faxex f'ġenb! Jistaqsu lix-xhieda li qalu li rawh? Kulħadd ferħan u kelma waħda: "Qam mill-mewt kif kien qal!" Imma meta qal li se jqum mill-mewt? Ftit ftit l-investigazzjoni tagħna turina kif Ġesù kien ġa qal lid-dixxipli tiegħu li la jitla' Ġerusalemm kien se jiġi arrestat u maqtul. Kien hemm min ipprova jikkonvinċih biex ma jmurx. Imma dan kollu kien parti minn pjan, u dan il-pjan ma kienx se jispiċċa bil-mewt tiegħu. Il-pjan kellu kapitlu ieħor wara l-mewt! Ħarsa aktar fil-fond lejn l-akbar ħbieb tiegħu turi li dawn ma kinux qed iġibu ruħhom bħal xi ħadd li tilef ħabib. Kienu ferħanin! Fejn kienet twassal din l-investigazzoni ma nafux. Forsi *detective* tajjeb kien jirnexxilu jiltaqa' miegħu wkoll!

Iżda aħna m'għandniex bżonn investigazzjonijiet twal biex niltaqgħu ma' dak li qam mill-mewt. Ġesù ħallielna dak kollu li għandna bżonn biex niltaqgħu miegħu. Ħallielna l-Vanġelu u ħafna nies li matul ħajjitna se jgħinuna nsibu dik it-triq li twassal għandu biex aħna wkoll inkunu nistgħu ngħixu ħajja oħra wara l-mewt.

## Sib il-Kelma

Fost dawn l-ittri t'hawn taħt għandek issib moħbija ħmistax-il kelma marbuta mas-silta li qrajna llum. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib dan il-kliem mistur:
**MARIJA, MAGDALA, XMUN, PIETRU, QABAR, BLATA, FAXEX, GĦAŻEL, MAKTUR, SKRITTURA, EMMEN, MULEJ.**



| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GĦ | A | S | E | L | Ħ | B | IE | B | S |
| E | S | P | IE | T | R | U | S | F | K |
| E | M | IE | L | R | Q | P | A | K | R |
| M | A | R | I | J | A | M | E | R | I |
| U | G | T | Ġ | Ż | B | S | GĦ | O | T |
| N | D | R | B | L | A | T | A | V | T |
| F | A | X | E | X | R | IE | Ż | U | U |
| Ħ | L | Z | W | M | U | L | E | J | R |
| M | A | K | T | U | R | A | L | S | A |
| E | M | M | E | N | T | O | R | R | I |

Agħti l-kulur



## Dawk li raw lil Ġesù

Il-biċċa l-kbira tas-siltiet tal-Vanġelu fl-ewwel jiem tal-Għid jirrakkuntaw kif Ġesù, wara li qam mill-mewt, beda jidher lil bosta nies. Iżda karatteristika interessanti hi li bosta minn dawn ma għarfuhx! Naqraw kif id-dixxipli ta' Emmaws fi triqthom jiltaqgħu ma' xi ħadd li għamilha tabirruħu li ma kienx jaf x'ġara f'Ġerusalemm. U dawn ħaduha bi kbira, għax dan Ġesù kulħadd kien sema' bih! Mur għidilhom li kien Ġesù stess! U xi ngħidu għad-dehra lil Marija ta' Magdala. Din kienet tafu sew. Imma xorta ma għarfitux!

Forsi Ġesù jagħmel hekk biex ma jibżgħux għax jaħsbu li qed jaraw fantażma. L-ewwel jara li lesti li jilqgħu l-aħbar imbagħad jurihom il-verità.

Imma tafu li lilna jiġrilna l-istess? Kemm drabi niltaqgħu ma' Ġesù u ma nagħtux kas u nibqgħu sejrin! Imma kieku Marija baqgħet sejra x'kien jiġri? U kieku d-dixxipli ta' Emmaws ma tawx kas x'kienu jitilfu? Żgur li kienu jitilfu ċ-ċans li jiltaqgħu ma' xi ħadd li tassew kien importanti għalihom. U bħalhom aħna wkoll jista' jiġrilna l-istess!

Għalhekk dawn is-siltiet ifakkruna biex noqogħdu attenti għax, kif qal Ġesù, kulma nagħmlu mal-iżgħar fost ħutna nkunu qed nagħmluh miegħu.

Lil Ġesù nistgħu niltaqgħu miegħu f'xi ħadd li għandu bżonn ħabib ma' min jaqsam qalbu. Nistgħu niltaqgħu ma' Ġesù f'xi ħadd mill-ġenituri li għandu bżonn qadja kif ukoll f'għalliem li tassew jinteressa ruħu fina u jekk nagħtu kasu jista' jgħallimna ħafna. Kemm ikollna opportunitajiet kuljum biex niltaqgħu ma' Ġesù, kultant meta ngħinu lil xi ħadd aħna, u ħafna drabi f'tant nies li jgħinu lilna.




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.






**Promozzjoni**

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION